MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1480/2005

**Middle Sea Insurance plc (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Dr. Alfred Azzopardi u l-istess Dr. Alfred Azzopardi**

**Vs**

**Abigail Mamo (ID298694M)**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm182.20 (mijia tnejn u tmenin Lira Maltin u ghoxrin centezmu) dovuti ghal danni kkagunati f'kollizzjoni.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-27 ta’ Lulju 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fis-26 ta’ Settembru 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------